MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Settembru, 2013

Numru. 493/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Micallef)**
**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Charles Sammut**

## Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi **Charles Sammut,** iben Calcedonio u Catherine nee' Agius, imwieled nhar il-26 ta' Frar 1978 gewwa l-Pieta', residenti gewwa l-fond 52, Benrus Bldgs, Flt. 3, Triq in-Naxxar, San Gwann u detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 179478M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, nhar l-20 ta’ Settembru 2013 u fix-xhur ta’ qabel din id-data kellu fil-pussess tiegħu id-droga erojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

U aktar talli b’hekk sar reċediv b’sentenzi tal-Qorti, preseduta mill-Maġistrat Dr. F. Depasquale LL.D. fil-5 ta’ Frar 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tiġi mibdula jew imħassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet wkoll mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939.

Rat l-Ordni ta’l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri; hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'l-imputat u x-xewqa tieghu li jibda jindirizza l-vizzju b'l-abbuz tad-droga.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'-l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah multa ta' elf Euro (€1,000) li ghandha tithallas f'pagamenti mensieli ta' hamsa u sebghin Euro (€75) l-ewwel pagament ghandu jsir fil-15 ta' Ottubru 2013, in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu qed tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment inkluz dawk li jibda u jkompli sa tmiemu programm ta' riabilitazzjoni kontra l-vizzju tad-droga.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghod ghall-ordnijiet lilu mghotija.

Il-Qorti qed tordna n-notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-ufficju tal-probation.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------